*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,280, 15 ta' Ottubru, 2019*
*Taqsima B*

**A.L. 266 tal-2019**

**ATT DWAR Il-LOGĦOB**
**(KAP. 583)**

**Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Miżati għal-Liċenzi tal-Logħob**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12(d) tal-Att dwar il-Logħob, is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

L.S. 583.03

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Miżati għal-Liċenzi tal-Logħob u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala wieħed mar-Regolamenti dwar Miżati għal-Liċenzi tal-Logħob u minn hawn 'l quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabbiltà.

**2.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għal dawk il-kumpanniji li japplikaw bħala *start-up* u, għal dawk il-liċenzjati li ser japplikaw biex jżidu *gaming vertical* minn jew wara l-1 ta' Jannar 2020.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali qed jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) dik il-persuna ġġenerat dħul attwali mill-istess settur, jew minn settur relatat, matul is-sitta u tletin xahar ta' qabel li jammonta għal inqas minn għaxar miljun euro (€10,000,000):

Iżda fejn il-perjodu finanzjarju ma jistax jiġi determinat, jew mhuwiex applikabbli, għandhom jiġu kkunsidrati s-sitta u tletin xahar kalendarji ta' qabel;"; u

(b) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi ssostitwit kif ġej:

"(f) dik il-persuna ma tiffurmax parti minn, jew mhijiex kontrollata minn, grupp inkorporat li d-dħul attwali tiegħu fl-istess settur, jew f'settur relatat, f'perjodu finanzjarju ta' sitta u tletin xahar jeċċedi għaxar miljun euro (€10,000,000):

Iżda fejn il-perjodu finanzjarju ma jistax jiġi determinat, jew mhuwiex applikabbli, għandhom jiġu kkunsidrati s-sitta u tletin xahar kalendarji ta' qabel; u".

Jemenda r-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fir-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Talba għaż-żieda ta' tip ta' logħba ġdida" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Talba għaż-żieda ta' *game vertical.*"